ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 47

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 56

19 ta' Frar 2013

| Avviż Nru | Werrej | Paġna |
|---|---|---|

III *Atti preparatorji*

**Il-Bank Ċentrali Ewropew**

2013/C 47/01 Opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Mejju 2012 dwar abbozz ta' regolament ta' delega tal-Kummissjoni li jissupplimenta d-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjonijiet, il-kundizzjonijiet ġenerali tal-operat, id-depożitarji, il-leverage, it-trasparenza u s-superviżjoni (CON/2012/42) ........ 1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kunsill**

2013/C 47/02 Avviż għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/800/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni 2013/88/PESK, dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ........ 7

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2013/C 47/03 Rata tal-kambju tal-euro ........ 9

MT

Prezz:
EUR 3

(*Ikompli fil-paġna li jmiss*)

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2013/C 47/04 Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 736/2008 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE dwar l-għajnuna mill-Istat għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni, fl-ipproċessar u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd ..... 10

2013/C 47/05 Komunikazzjoni mill-Gvern Franċiż dwar id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi (*Avviż dwar it-talba għall-permess esklussiv għat-tiftix ta' idrokarburi likwidi jew fil-forma ta' gass imsejjaħ "Permis de Savigny"*) [1] ..... 11

2013/C 47/06 Komunikazzjoni mill-Gvern Franċiż dwar id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi (*Avviż dwar it-talba għall-permess esklussiv għat-tiftix ta' idrokarburi likwidi jew fil-forma ta' gass, imsejħa "Permis de Guyane Maritime UDO" u "Permis de Guyane Maritime SHELF"*) [1] ..... 13

2013/C 47/07 Komunikazzjoni mill-Gvern Franċiż dwar id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi (*Avviż dwar it-talba għall-permessi esklussivi għat-tiftix ta' minjieri ta' idrokarburi likwidi jew fil-forma ta' gass, imsejjaħ "Permis de Montagne de Reims"*) [1] ..... 16

2013/C 47/08 Komunikazzjoni mill-Gvern Franċiż dwar id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi (*Avviż dwar it-talba għall-permess esklussiv għat-tiftix ta' idrokarburi likwidi jew fil-forma ta' gass, imsejjaħ "Permis de Rouffy"*) [1] ..... 17

2013/C 47/09 Komunikazzjoni mill-Gvern Franċiż dwar id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi (*Avviż dwar-l-applikazzjoni għal permess esklussiv għat tiftix ta' depożiti tal-idrokarburi likwidi jew fil-forma ta' gass, imsejjaħ "Permis de Brive"*) [1] ..... 19

---

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2013/C 47/10 Sejħa għall-proposti tal-2013 ta' LIFE+ ..... 21

2013/C 47/11 Sejħa għall-proposti – EACEA/45/12 – Skema ta' mobbiltà akkademika INTRA-ACP – Afrika (Mwalimu Nyerere) u l-Karibew u Paċifiku ..... 24

MT

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

(*Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa*)

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tal-24 ta' Mejju 2012**

**dwar abbozz ta' regolament ta' delega tal-Kummissjoni li jissupplimenta d-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjonijiet, il-kundizzjonijiet ġenerali tal-operat, id-depożitarji, il-leverage, it-trasparenza u s-superviżjoni**

**(CON/2012/42)**

(2013/C 47/01)

### Introduzzjoni u bażi legali

Fit-18 ta' April 2012, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mingħand il-Kummissjoni għal opinjoni dwar abbozz ta' regolament iddelegat tal-Kummissjoni li jissupplimenta d-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjonijiet, il-kundizzjonijiet ġenerali tal-operat, id-depożitarji, il-leverage, it-trasparenza u s-superviżjoni (minn hawn 'l quddiem "l-abbozz ta regolament iddelegat").

Il-kompetenza tal-BĊE biex jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikoli 127(4) u 282(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea billi d-direttiva proposta fiha dispożizzjonijiet li jaffettwaw il-kontribut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) għat-tmexxija bla xkiel tal-politika dwar l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, kif imsemmi fl-Artikolu 127(5) tat-Trattat. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

### Osservazzjonijiet speċifiċi

1. ***Leverage***

1.1. Il-BĊE stqarr preċedentement illi l-kunċett ta' leverage, kif imsemmi fid-Direttiva 2011/61/UE [1], huwa fundamentali għall-mudell ta' negozju implimentat minn ħafna maniġers ta' fondi ta' investiment alternattiv (AIFMs - alternative investment fund managers) [2]. B'mod ġenerali, il-BĊE jaqbel mal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) illi l-informazzjoni dwar il-livell ta' leverage ikkalkulat fuq il-bażi tal-iskopertura gross hija kruċjali għall-monitoraġġ tar-riskju sistemiku u li din l-informazzjoni għandha wkoll tingħata lil investituri. Filwaqt illi leverage eċċessiv jista' joħloq riskji sinifikanti għall-istabbiltà finanzjarja, ir-riskju tal-leverage mhuwiex l-uniku riskju għall-fondi ta' investiment alternattiv (AIFs). Għalhekk, kull informazzjoni dwar leverage għandha tiġi supplimentata minn informazzjoni relevanti dwar sorsi ta' riskju oħrajn. F'dan il-kuntest, huwa importanti illi rekwiżiti intiżi biex jindirizzaw is-sorsi varji ta' riskju jinżammu separati. Dawn is-sorsi ta' riskju jinkludu r-riskju tal-pożizzjoni, jiġifieri r-riskju tas-suq u ta' kreditu li jirrigwarda investimenti partikolari, u l-leverage ta' AIFs.

(1) Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattiv u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p.1)

(2) Opinjoni tal-BĊE CON/2009/81 tas-16 ta' Ottubru 2009 dwar proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattiv u li temenda d-Direttivi 2004/39/KE u 2009/…/KE (ĠU C 272, 13.11.2009, p. 1). L-opinjonijiet kollha tal-BCE huma ppubblikati fil-websajt tal-BĊE fuq http://www.ecb.europa.eu

1.2. Sabiex ikun konsistenti u jipprevjeni xi arbitraġġ regolatorju, il-BĊE jaħseb illi huwa xieraq illi l-metodi għall-kalkolazzjoni tal-leverage li jridu jiġu adottati għandhom, safejn huwa possibbli, ikunu konsistenti mal-qafas tal-Basel III ([1]) u l-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment ([2]) u r-regolament propost tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment) ([3]) (minn hawn 'il quddiem flimkien is-"CRD IV propost") ([4]). Pereżempju, din il-konsistenza għandha tkun żgurata b'referenza għar-rikonoxximent ta' tranżazzjonijiet ta' hedging u t-trattament ta' self fi flus kontanti. Barra minn dan, tista' tiġi kkonsiderata wkoll kross-referenza għall-kunċetti stipulati fis-CRD IV propost ([5]).

1.3. Kif inhu dikjarat fil-paragrafu 1.1 aktar 'il fuq, il-BĊE huwa tal-fehma illi, fil-kalkolazzjoni tal-iskoperturi, wieħed għandu jagħmel distinzjoni bejn: (a) ir-riskji inerenti tal-assi (portafolli) li qed jixtraw minn AIFs, jiġifieri "ir-riskju tal-pożizzjoni"; u (b) il-leverage attwalment involut. B'hekk iż-żewġ sorsi ta' riskji għandhom jinżammu separati fid-determinazzjoni tal-leverage tal-AIFs. Pereżempju, fil-waqt illi self fi flus kontanti minn sorsi esterni li mhumiex investiti huwa tabilħaqq la espost għar-riskju tas-suq u lanqas għar-riskju ta' kreditu, huwa jżid il-leverage attwali tal-AIF. B'kuntrast ma' dan, jidher li s-CRD IV propost ma jiddistingwix bejn tipi differenti ta' self fi flus kontanti ([6]).

1.4. L-abbozz tar-regolament iddelegat jirreferi għall-applikazzjoni tal-metodu gross u għall-metodu ta' impenn ([7]). Huwa ma jinkludix il-metodu avvanzat ([8]) peress illi dan il-metodu ma jiżgurax il-paragunabilità tar-riżultati. Il-BĊE jifhem illi l-metodu avvanzat, li jirrilassa r-regoli tal-metodu ta' impenn, kien imfassal għal AIFMs li jimmaniġġaw AIPs, li għalihom il-metodu ta' impenn jista' ma jkunx xieraq jew jista' ma jagħtix riżultati sinifikanti. Il-BĊE jappoġġa d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tinkludix il-metodu avvanzat peress illi l-applikazzjoni tal-metodu gross u tal-metodu ta' impenn huwa suffiċjenti u ser jipprovdi informazzjoni utli kemm lil investituri kif ukoll lil awtoritajiet kompetenti dwar il-leverage ta' AIFs.

## 2. *Il-maniġġ tar-riskji*

L-abbozz tar-regolament iddelegat jitlob li AIFMs jisseparaw il-funzjoni tagħhom tal-maniġġ tar-riskji mill-funzjoni operattiva tagħhom u jissuġġerixxi illi dan jinkiseb meta lista eżawrenti ta' kundizzjonijiet kontinġenti tiġi sodisfatta mill-AIFM ([9]). Jekk dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux sodisfatti, jiġu applikati salvagwardji mill-korp governattiv tal-AIFM sabiex jittaffew il-kunflitti ta' interess li jistgħu joħolqu riskju għar-rendiment indipendenti ta' attivitajiet ta' maniġġ tar-riskji ([10]). F'dan ir-rigward, il-BĊE jappoġġa s-separazzjoni tal-maniġġ tar-riskji mill-funzjonijiet operattivi u ta' maniġġ. Il-Kummissjoni tista' tikkunsidra li tagħti s-setgħa lill-AETS biex tħejji linji gwida ġenerali li jistabbilixxu kriterji oġġettivi sabiex tiġi evitata applikazzjoni inkonsistenti mal-Unjoni u biex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tagħhom.

---

([1]) Ara "Basel III: Qafas regolatorju globali għal banek u sistemi bankarji aktar reżiljenti", Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja, Diċembru 2010, verżjoni reveduta Ġunju 2011.

([2]) Ukoll id-Direttiva emendatorja 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, impriżi ta' assigurazzjoni u ditti tal-investiment f'konglomerat finanzjarju. KUMM(2011) 453 finali.

([3]) KUMM(2011) 452 finali.

([4]) Definizzjoni armonizzata ta' leverage ma timplikax il-kalibrar armonizzat tal-proporzjon ta' leverage għal istituzzjonijiet ta' kreditu u AIFs.

([5]) Ara d-definizzjoni ta' leverage (ingranaġġ) mogħtija minn Artikolu 4(86) tar-regolament propost tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment, KUMM(2011) 452 finali.

([6]) Taħt is-CRD IV propost, is-self kollu fi flus kontanti jiġi reġistrat fil-karta tal-bilanċ u għalhekk iżidu l-leverage taħt dan il-qafas, irrispettivament mill-użu sussegwenti tal-fondi riċevuti. Il-valur ta' elementi fil-karta tal-bilanċ ġeneralment ikun ugwali għall-valur tal-kontabilità tagħhom li jibqa' wara li jkunu ġew applikati aġġustamenti speċifiċi fil-valutazzjoni, eż għal riskju tal-kreditu; ara l-Artikolu 416(5) flimkien mal-Artikolu 106(1) tar-regolament propost tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment, KUMM(2011) 452 finali.

([7]) Kapitolu II, Taqsima 2, Artikoli 9 u 10, tal-abbozz tar-regolament ta' delega.

([8]) Ara l-parir tekniku tal-AETS lill-Kummissjoni Ewropea dwar miżuri ta' implimentazzjoni possibbli tad-Direttiva dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi, 16 ta' Novembru 2011 (minn hawn 'il quddiem "il-Parir tal-AETS"), AETS/2011/379, p. 459.

([9]) Artiklu 43 tal-abbozz tar-regolament ta' delega.

([10]) Artiklu 44 tal-abbozz tar-regolament ta' delega.

3. ***Investiment f'pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni***

3.1. L-abbozz tar-regolament iddelegat ([1]) jistipula illi l-AIFMs jistgħu jinvestu f'pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni sakemm iwettqu viġilanza bir-reqqa tal-isponsor u tal-oriġinatur. B'mod aktar speċifiku, l-abbozz tar-regolament iddelegat jistipula illi, qabel ma jinvesti fi strumenti titolizzati, l-AIFM għandu: (a) jissodisfa ċerti rekwiżiti kwalitattivi, eż. ftehim komprensiv tal-profil tar-riskju tal-investimenti u politiki formali u proċeduri xierqa ([2]); u (b) jiżgura illi l-isponsors, kif ukoll l-oriġinaturi, jissodisfaw numru ta' rekwiżiti kwalitattivi li jinkludu rekwiżiti għal maniġġ tar-riskju effettiv, strateġiji ta' diversifikazzjoni xierqa ([3]), eċċ.

3.2. Il-BĊE jappoġġa l-kriterji kwalitattivi li jrawmu l-għarfien tal-AIFMs tar-riskji meħudin qabel ma jinvestu fi prodotti titolizzati. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet taħt 3.1(b) aktar 'il fuq, l-obbligi fuq l-AIFMs biex jiżguraw illi l-oriġinaturi u l-isponsors ikollhom proċeduri għall-maniġġ tar-riskju xierqa jistgħu jkunu diffiċli biex jiġu applikati billi l-AIFMs forsi ma jkunux jistgħu jikkontrollaw direttament il-kriterji li jirrigwardaw il-proċeduri interni tal-isponsor jew tal-oriġinatur.

3.3. Sabiex jiġi żgurat illi dawn ir-rekwiżiti ma jżommux lill-AIFMs milli jinvestu fi prodotti titolizzati, biex b'hekk jixxekkel l-għan usa' li jitqajjem is-suq tat-titolizzazzjoni, l-abbozz tar-regolament iddelegat jista' jistipula illi l-AETS jagħti gwida ġenerali dwar id-dokumentazzjoni preċiża li trid tingħata minn sponsors jew oriġinaturi lil AIFMs fir-rigward tal-fuq imsemmija rekwiżiti kwalitattivi.

4. ***Funzjonijiet tad-depożitarju***

4.1. Il-BĊE jilqa' d-dmirijiet komprensivi illi ser jitwettqu mid-depożitarji ([4]) skont l-abbozz tar-regolament iddelegat. B'mod partikolari, il-BĊE jemmen illi r-rekwiżiti dettaljati ([5]) sejrin, fil-parti l-kbira, jillimitaw ir-riskju tal-kustodja għal investituri fl-AIFs.

4.2. Il-BĊE jappoġġa r-reġim ta' responsabbiltà strett introdott minn Direttiva 2011/61/UE u speċifikat aktar fl-abbozz tar-regolament iddelegat ([6]). Madankollu, huwa jinnota illi dan ir-reġim ta' responsabbiltà, flimkien ma' emendi futuri (UCITS V) ([7]) għad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) ([8]), jista' jissuġġetta lid-depożitarji għal talbiet ta' responsabbiltà sostanzjali. F'każ ta' xi depożitarji, talbiet bħal dawn jistgħu jammontaw għal telfiet li xi drabi jkunu jeċċedu b'multipli l-kapital kollu tagħhom. Il-BĊE għalhekk iqis bħala imperattiv illi d-depożitarji jimmaniġġaw dawn ir-riskji b'mod xieraq, kemm jekk huma istituzzjonijiet ta' kreditu jew ditti tal-investiment jew istituzzjonijiet superviżjonati oħrajn ([9]), u li jingħata kont tar-riskji skont ir-regoli rispettivi tar-rekwiżiti kapitali. Il-proċess regolatorju li ġej tal-UCITS V joffri opportunità tajba biex jiġi indirrizat dan is-suġġett fir-rigward tal-UCITS kif ukoll tad-depożitarji tal-AIF.

5. ***Rekwiżiti ta' rapportar u skambju ta' informazzjoni***

5.1. Il-BĊE jilqa' r-rekwiżiti ta' rapportar stipulati fl-Artikolu 112 tal-abbozz tar-regolament iddelegat. Skont l-Artikolu 112(7), l-AIFMs għandhom jipprovdu l-informazzjoni b'konformità mal-mudell ta' rapportar pro-forma stabbilit fl-Anness tal-abbozz tar-regolament iddelegat. F'dan ir-rigward, il-BĊE jappoġġa r-rekwiżiti ta' rapportar ta' dejta ssuġġeriti mill-AETS fil-parir tagħha ([10]), li jistipula illi xi informazzjoni tinġabar fuq bażi ta' kull xahar u jissuġġerixxi l-għoti ta' informazzjoni addizzjonali dwar il-profili tar-riskju storiċi tal-AIFs. Din l-informazzjoni aktar granulari hija importanti għat-twaqqif ta' qafas ta' monitoraġġ komprensiv tar-riskju sistemiku.

---

([1]) Ara Kapitolu III, Taqsima 5, tal-abbozz tar-regolament iddelegat.
([2]) Artikolu 55 tal-abbozz tar-regolament iddelegat.
([3]) Artikolu 54 tal-abbozz tar-regolament iddelegat.
([4]) Ara Kapitolu IV, Taqsima 2, tal-abbozz tar-regolament iddelegat.
([5]) Ara Artikoli 91, 92, 98, 100 u 101 tal-abbozz tar-regolament iddelegat.
([6]) Ara Kapitolu IV, Taqsima 3, tal-abbozz tar-regolament iddelegat.
([7]) Ara wkoll id-Dokument konsultattiv tal-Kummissjoni dwar il-funzjoni ta' depożitarju tal-UCITS u dwar ir-remunerazzjoni tal-maniġers tal-UCITS, 14 ta' Diċembru 2010.
([8]) GU L 302, 17.11.2009, p. 32.
([9]) Ara l-Artikolu 21(3) tad-Direttiva 2011/61/KE.
([10]) Ara Anness V tal-Parir tal-AETS.

5.2. Minkejja l-fuq imsemmi, dawn ir-rekwiżiti ta' rapportar lil awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari dawk stipulati fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 112 tal-abbozz tar-regolament iddelegat, fil-parti l-kbira tagħhom jidduplikaw ir-rekwiżiti ta' rapportar statistiku stipulati fir-Regolament BĊE/2007/8 tas-27 ta' Lulju 2007 dwar statistika fir-rigward tal-attiv u l-passiv ta' fondi ta' investiment ([1]). Għalhekk, il-BĊE iqis illi hemm potenzjal biex jiġi limitat il-piż ta' rapportar ta' AIFMs billi ċerti obbligi ta' rapportar ta' awtoritajiet kompetenti jiġu allinjati mar-rekwiżiti statistiċi tal-BĊE ([2]). F'dan ir-rigward, il-BĊE jinsab lest u jixtieq jiddiskuti mal-Kummissjoni u mal-AETS dwar l-aħjar mod biex jiġu allinjati r-rekwiżiti ta' rapportar.

5.3. Fl-aħħar, fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni, l-abbozz tar-regolament iddelegat ([3]) iħalli lill-awtoritajiet nazzjonali b'diskrezzjoni sinifikanti f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet li taħthom l-informazzjoni relevanti għall-monitoraġġ ta' riskju sistemiku ([4]) għandha tinqasam mal-AETS u l-BERS. Il-BĊE jissuġġerixxi illi d-dispożizzjonijiet fuq imsemmija għandhom jiġu ċċarati sabiex jiġu evitati l-inċertezzi.

Fejn il-BĊE jirrakkomanda illi jiġi emendat l-abbozz tar-regolament iddelegat, proposti speċifiċi għall-abbozzar huma stipulati fl-Anness għal dan il-għan flimkien ma' test spjegattiv.

Magħmula fi Frankfurt am Main, 24 ta' Mejju 2012.

*Il-Viċi President tal-BĊE*

Vítor CONSTÂNCIO

---

([1]) ĠU L 211, 11.8.2007, p. 8.

([2]) Ara paragrafu 10 ta' Opinjoni CON/2009/81.

([3]) Artikolu 7(3) u Artikolu 118 tal-abbozz tar-regolament iddelegat.

([4]) Qabbel, f'dan ir-rigward, Artikolu 3(3)(d) u Artikolu 53 tad-Direttiva 2011/61/UE u Artikolu 7(3) u Artikolu 118 tal-abbozz tar-regolament iddelegat.

*ANNESS*

**Proposti għall-abbozzar**

| Test abbozzat mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE (1) |
|---|---|
| ***Emenda 1*** Preambolu tal-abbozz tar-regolament iddelegat (ġdid) | |
| "Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,<br><br>Wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(6) […] u l-Artikolu 53(3) tagħhom,<br><br>Billi:" | "Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,<br><br>Wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(6) […] u l-Artikolu 53(3) tagħhom,<br><br>**Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew**,<br><br>Billi:" |
| *Spjegazzjoni*<br>*Skont l-Artikolu 296 tat-Trattat, li jistipula illi atti legali għandhom jirriferu għal kwalunkwe opinjoni prevista fit-Trattati, l-emenda proposta hija neċessarja sabiex tirrifletti l-fatt illi l-abbozz tar-regolament iddelegat jiġi adottat skont l-Artikoli 127(4) u 282(5) tat-Trattat. Dawn id-dispożizzjonijiet fihom l-obbligu li l-BĊE jiġi kkonsultat fuq kull att propost tal-Unjoni li jaqa' fl-oqsma ta' kompetenza tiegħu. Fir-rigward tal-irwol konsultattiv tal-BĊE fir-rigward ta' abbozzi ta' atti ddelegati u ta' implimentazzjoni, issir referenza għal paragrafu 4 tal-Opinjoni tal-BĊE CON/2012/5 tal-25 ta' Jannar 2012 dwar proposta għal Direttiva dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti ta' investiment u dwar proposta għal Regolament dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment* (2). | |
| ***Emenda 2*** Premessa 42a tal-abbozz tar-regolament iddelegat (ġdida) | |
| [L-ebda test] | **"Il-maniġment superjuri tal-AIFM għandu japprova l-lista ta' sensara prinċipali magħżulin. L-AIFMs għandhom jaħtru sensara prinċipali minn din il-lista. Billi sensar prinċipali jista' jkun sistemikament importanti, il-*hedge funds* għandhom jużaw aktar minn sensar prinċipali wieħed magħżul mil-lista approvata."** |
| *Spjegazzjoni*<br>*L-Artikolu 27 tal-abbozz tar-regolament iddelegat jistabbilixxi rekwiżiti dettaljati għall-għażla u l-ħatra ta' sensara prinċipali. Il-BĊE jappoġġa dawn il-kriterji kif ukoll ir-rekwiżit illi l-lista ta' sensara prinċipali magħżulin għandha tkun approvata mill-maniġment superjuri tal-AIFM, Barra minn dan, billi sensar prinċipali jista' jkun sistemikament importanti għal hedge fund, l-abbozz tar-regolament iddelegat għandu jistipula wkoll illi, fil-prinċipju, l-AIFMs għandhom jużaw sensara prinċipali multipli, fuq l-istess linja tal-prattika kurrenti fis-suq.* | |
| ***Emenda 3*** Artikolu 5(6) u Artikolu 7 tal-abbozz tar-regolament iddelegat (ġodda) | |
| [L-ebda test] | **"6. In-notifiki riċevuti skont il-paragrafu 3 jiġu ppreżentati lill-AETS.**<br><br>**7. L-AETS tista' tiżviluppa linji gwida biex tkattar valutazzjoni uniformi minn awtoritajiet kompetenti tas-sitwazzjonijiet ta' natura temporanja msemmija f'dan l-Artikolu."** |

| Test abbozzat mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|

*Spjegazzjoni*

*Il-BĊE jilqa' l-inklużjoni tal-Artikolu 5 tal-abbozz tar-regolament iddelegat, li jipprovdi għal eżenzjoni mir-reġistrazzjoni għal AIFMs li xi drabi jiksru l-limitu minimu tar-reġistrazzjoni. Madankollu, xi AIFMs jistgħu jużaw din l-eżenzjoni b'mod ħażin. Għalhekk ikun xieraq li l-awtoritajiet kompetenti jintalbu jippreżentaw lill-AETS in-notifiki li jkun irċieva AIFM fir-rigward tal-ksur ta' limitu minimu, sabiex jitrawwem approċċ komuni bejn l-awtoritajiet nazzjonali fl-evalwazzjoni ta' ksur ta' natura temporanja.*

***Emenda 4***

Artikolu 46(3)(c) tal-abbozz tar-regolament iddelegat

| Test abbozzat mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE |
|---|---|
| "3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-AIFM għandu jieħu l-azzjonijiet li ġejjin għal kull AIF li jimmaniġġja: | "3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-AIFM għandu jieħu l-azzjonijiet li ġejjin għal kull AIF li jimmaniġġja: |
| […] | […] |
| (c) iwettaq testijiet tal-istress u analiżi tax-xenarji perjodiċi u xierqa biex jiġu indirizzati r-riskji li jinħolqu mit-tibdil potenzjali fil-kundizzjonijiet tas-suq li jistgħu jaffettwaw ħażin lill-AIF; | (c) iwettaq testijiet tal-istress u analiżi tax-xenarji ~~perjodiċi u~~ xierqa **tal-anqas fuq bażi trimestrali** biex jiġu indirizzati r-riskji li jinħolqu mit-tibdil potenzjali fil-kundizzjonijiet tas-suq li jistgħu jaffettwaw ħażin lill-AIF; |
| […]" | […]" |

*Spjegazzjoni*

*Minn punt ta' stabbiltà finanzjarja, il-BĊE jirrakkomanda li tiżdied il-frekwenza ta' testijiet għall-istress u tal-analiżi ta' xenarji, sabiex dawn jitmexxew tal-anqas fuq bażi trimestrali, biex tiġi evalwata l-abbiltà ta' AIF biex jirreżisti xokkijiet finanzjarji, ekonomiċi u idjosynkratiċi negattivi.*

***Emenda 5***

Artikolu 51(2)(e) tal-abbozz tar-regolament iddelegat

| Test abbozzat mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE |
|---|---|
| "2. L-AIFMs għandhom iwettqu regolarment testijiet tal-istress, taħt kundizzjonijiet tal-likwidità normali u eċċezzjonali, li jippermettulhom jivvalutaw ir-riskju tal-likwidità ta' kull AIF li jimmaniġġjaw. Testijiet tal-istress għandhom: | "2. L-AIFMs għandhom iwettqu regolarment testijiet tal-istress, taħt kundizzjonijiet tal-likwidità normali u eċċezzjonali, li jippermettulhom jivvalutaw ir-riskju tal-likwidità ta' kull AIF li jimmaniġġjaw. Testijiet tal-istress għandhom: |
| […] | […] |
| (e) jitwettqu bi frekwenza xierqa għan-natura tal-AIF u mill-inqas darba fis-sena filwaqt li jqisu l-istrateġija tal-investiment, il-profil tal-likwidità, it-tip ta' investituri u l-politika tat-tifdija tal-AIF." | (e) jitwettqu bi frekwenza xierqa għan-natura tal-AIF u mill-inqas **fuq bażi trimestrali** ~~darba fis-sena~~ filwaqt li jqisu l-istrateġija tal-investiment, il-profil tal-likwidità, it-tip ta' investituri u l-politika tat-tifdija tal-AIF." |

*Spjegazzjoni*

*Ara l-ispjegazzjoni għall-Emenda 4 aktar 'il fuq.*

***Emenda 6***

Artikolu 117a tal-abbozz tar-regolament iddelegat (ġdid)

| Test abbozzat mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE |
|---|---|
| [L-ebda test] | **"Sabiex jiġi ffaċilitat it-twaqqif ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni u tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-Artikolu 37 tad-Direttiva 2011/61/UE, l-AETS tista' tiżviluppa linji gwida biex tiddetermina l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni ta' din it-Taqsima."** |

*Spjegazzjoni*

*Il-BĊE jappoġġa l-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri u pajjiżi terzi permezz ta' ftehim ta' kooperazzjoni. F'dan ir-rigward, il-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri hija essenzjali biex jiġu minimizzati l-inkonsistenzi fil-politiki tagħhom. L-involviment dirett tal-AETS, skont l-Artikolu 37(16) u (17) ta' Direttiva 2011/61/UE, għandu jgħin biex jiġi żgurat approċċ konsistenti bejn l-Istati Membri lejn il-pajjiżi terzi.*

(1) It-tipa skura fil-korp tat-test tindika fejn il-BĊE qed jipproponi li jiddaħħal test ġdid. L-ingassar fil-korp tat-test jindika fejn il-BĊE qed jipproponi t-tħassir ta' test.

(2) ĠU C 105, 11.4.2012, p. 1.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUNSILL

**Avviż għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/800/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni 2013/88/PESK, dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea**

(2013/C 47/02)

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet li jidhru fl-Annessi II u III għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/800/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni 2013/88/PESK ([1]), dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea.

Il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li inti/il-kumpannija tiegħek għandha tiġi inkluża fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri imposti mill-UNSCR 2087 (2013).

Dawk ikkonċernati jistgħu fi kwalunkwe ħin jippreżentaw talba lill-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilita skont ir-Riżoluzzjoni 1718 (2006), flimkien ma' kwalunkwe dokumentazzjoni ġustifikattiva, sabiex id-deċiżjonijiet li ser jiġu inklużi fil-lista tan-NU jiġu kkunsidrati mill-ġdid. Talba bħal din għandha tintbagħat fl-indirizz li ġej:

United Nations — Focal point for delisting
Security Council Subsidiary Organs Branch
Room S-3055 E
New York, NY 10017
UNITED STATES OF AMERICA

Għal aktar informazzjoni żur is-sit: http://www.un.org/sc/committees/751/comguide.shtml

B'segwitu għad-deċiżjoni tan-NU, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li l-persuni u l-entitajiet li jidhru fl-Annessi msemmijin hawn fuq għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2010/800/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea. Ir-raġunijiet għan-nominazzjonijiet ta' dawk il-persuni u l-entitajiet jidhru fl-entrati rilevanti f'dawk l-Annessi.

Qed tingħibed l-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif indikat fuq is-siti tal-internet fl-Anness II għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 ([2]), sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżati jintużaw għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (ara l-Artikolu 7 tar-Regolament).

([1]) ĠU L 46, 19.2.2013, p. 28.
([2]) ĠU L 88, 29.3.2007, p. 1.

Il-persuni u l-entitajiet ikkonċernati jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill, flimkien ma’ dokumentazzjoni ta’ sostenn, biex id-deċiżjoni li huma jiġu inklużi fil-lista msemmija hawn fuq tkun ikkunsidrata mill-ġdid, fl-indirizz segwenti:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
DG C 1C — Horizontal Issues
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Qed tinġibed l-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati anke għall-possibbiltà li jikkontestaw id-Deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, konformement mal-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 275, (2), u l-Artikolu 263, (4) u (6), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Rata tal-kambju tal-euro [1]

## It-18 ta’ Frar 2013

(2013/C 47/03)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3352 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,2946 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 125,24 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3439 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4596 | HKD | Dollaru ta’ Hong Kong | 10,3538 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,86190 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,5797 |
| SEK | Krona Żvediża | 8,4598 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,6539 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2332 | KRW | Won tal-Korea t’Isfel | 1 446,43 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta’ l-Afrika t’Isfel | 11,7906 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,4070 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,3391 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,5863 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,388 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 12 923,07 |
| HUF | Forint Ungeriż | 291,97 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,1384 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 54,183 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,6995 | RUB | Rouble Russu | 40,2300 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,1891 | THB | Baht Tajlandiż | 39,909 |
| RON | Leu Rumen | 4,3861 | BRL | Real Brażiljan | 2,6279 |
| TRY | Lira Turka | 2,3587 | MXN | Peso Messikan | 16,9444 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 72,5080 |

(1) *Sors*: rata tal-kambju ta’ referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 736/2008 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE dwar l-għajnuna mill-Istat għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni, fl-ipproċessar u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd

(2013/C 47/04)

**Għajnuna Nru:** SA.35846 (12/XF)

**Stat Membru:** L-Italja

**Reġjun/Awtorità li qed jagħti/tagħti l-għajnuna:** Ir-Reġjun tal-Marche

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna:** avviso pubblico per la concessione di contributi ai sensi della misura 3.3 — *Porti luoghi di sbarco e ripari di pesca* del PO FEP 2007/2013 – l-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

**Bażi ġuridika:** Decreto dirigente della Posizione di Funzione *Pesca e Zootecnia* (illum *Attività Ittiche e Faunistiche-venatorie*) n. 4 tal-5 ta' Frar 2009.

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema:** Flimkien mar-riżorsi tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006, hija prevista l-possibbiltà li jintużaw ir-riżorsi proprji, skont l-applikazzjonijiet għall-finanzjament li jaslu. Għalhekk, l-ammont ta' riżorsi proprji li jista' jintuża jrid jiġi stabbilit fuq il-bażi ta' każ b'każ, skont id-dati ta' skadenza individwali ta' kull applikazzjoni għall-finanzjament. B'mod indikattiv l-ammont huwa stmat li jkun EUR 300 000 fis-sena

**Intensità massima tal-għajnuna:** Skont l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006

**Data tad-dħul fis-seħħ:** Wara l-pubblikazzjoni tal-bażi ġuridika fil-Bullettin Uffiċjali tar-Reġjun tal-Marche u wara r-reġistrazzjoni ta' din l-iskema ta' għajnuna min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna (mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2014); indika:**

— skont l-iskema: id-data sa meta tista' tingħata l-għajnuna; fir-rigward tal-ewwel data ta' skadenza ta' meta jridu jiġu ppreżentati l-applikazzjonijiet, l-għajnuna se tingħata sal-2009; fir-rigward tat-tieni data ta' skadenza ta' meta jridu jiġu ppreżentati l-attivitajiet, l-għajnuna se tingħata sal-ewwel nofs tal-2010

**Għan tal-għajnuna:** It-titjib tas-servizzi offruti fil-portijiet tas-sajd eżistenti, ristrutturazzjoni tal-postijiet tal-ħatt l-art eżistenti, titjib fil-kundizzjonijiet ta' sigurtà għas-sajjieda, fil-limiti stipulati mill-Artikoli 36 u 39 tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006, u r-Regolament ta' implimentazzjoni. L-iskop huwa li jinħolqu sottoskrizzjonijiet żejda ta' proġetti li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006

**Indika liema mill-Artikoli 8 sa 24 qed jintuża:** L-Artikolu 19

**Attività ikkonċernata:** Għajnuna għal investimenti fil-portijiet tas-sajd, postijiet tal-ħatt l-art u postijiet ta' kenn

**Isem u indirizz tal-awtorità li qed tagħti l-għajnuna:**

Regione Marche
Servizio Agricoltura Forestazione e Pesca
PF Attività Ittiche e Faunistiche-venatorie (isem ġdid tal-ex PF Pesca e Zootecnia, minn wara l-14 ta' Marzu 2009)
Via Tiziano 44
60125 Ancona AN
ITALIA

**Sit tal-internet fejn jinstab it-test sħiħ tal-iskema tal-għajnuna:**

http://www.pesca.marche.it/web/F-E-P--200/Misura-3-3/index.htm

**Ġustifikazzjoni: indika għaliex ġiet stabbilita skema ta' għajnuna mill-Istat minflok għajnuna taħt il-Fond Ewropew għas-Sajd:** din hija l-istess għajnuna stabbilita skont il-Fond Ewropew għas-Sajd, eventwalment iffinanzjata wkoll bl-użu ta' riżorsi proprji supplimentari, u għalhekk taqa' taħt ir-Regolament (KE) Nru 736/2008. Għaldaqstant, l-għajnuna tagħti l-possibbiltà li jkun hemm sottoskrizzjoni żejda ta' proġetti li huma konformi mal-kriterji stabbiliti mill-FES u mal-kriterji speċifiċi stabbiliti f'konformità mar-regolamenti tal-UE tas-settur, fir-rigward tal-iskemi ta' għajnuna eżentati. Jekk isir użu mir-riżorsi proprji flimkien ma' dawk tal-FES, se tingħata attenzjoni b'mod partikolari kemm għall-konformità tal-hekk imsejjaħ "effett ta' inċentiv" kif ukoll għall-konformità mal-prinċipju *Deggendorf*.

**Komunikazzjoni mill-Gvern Franċiż dwar id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi** ([1])

*(Avviż dwar it-talba għall-permess esklussiv għat-tiftix ta' idrokarburi likwidi jew fil-forma ta' gass imsejjaħ "Permis de Savigny")*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 47/05)

Permezz ta' applikazzjoni li saret fil-25 ta' Ottubru 2011, l-impriża Elixir Petroleun (Moselle) Ltd, talbet li tingħata permess esklussiv, għal tul ta' ħames (5) snin, għat-tiftix ta' depożiti tal-idrokarburi likwidi jew fil-forma ta' gass, imsejjaħ "Permis de la Marne", fuq erja ta' kważi 2 668 km$^2$ li tinsab f'parti mid-Dipartiment ta' la Haute-Marne, tal-Meuthe-et-Moselle u tal-Vosges.

Il-perimetru tal-firxa ta' dan il-permess huwa magħmul mill-arkijiet tal-meridjani u tal-paralleli li jgħaqqdu wieħed wara l-ieħor il-punti ddefiniti hawn taħt mill-koordinati ġeografiċi tagħhom, mogħtija fi gradi, bil-meridjan ta' referenza jkun dak ta' Pariġi.

| Il-quċċata | Lonġitudni Lvant | Latitudni Tramuntana |
|---|---|---|
| A | 3,20 | 54,10 |
| B | 3,70 | 54,10 |
| C | 3,70 | 53,90 |
| D | 4,00 | 53,90 |
| E | 4,00 | 53,80 |
| F | 4,40 | 53,80 |
| G | 4,40 | 53,60 |
| H | 3,00 | 53,60 |
| I | 3,00 | 53,80 |
| J | 3,50 | 53,80 |
| K | 3,50 | 54,00 |
| L | 3,20 | 54,00 |

## It-tressiq tal-applikazzjonijiet u l-kriterji għall-għoti tal-permess

Dawk li jressqu l-applikazzjoni inizjali u l-applikazzjonijiet kompetittivi għandhom jagħtu prova li huma jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-għoti tad-dritt, iddefiniti fl-Artikoli 4 u 5 tal-liġi 2006-648 tat-2 ta' Ġunju 2006 dwar id-drittijiet minerarji u d-drittijiet tal-ħżin taħt l-art (*Journal officiel de la République française* (*Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża*) tat-3 ta' Ġunju 2006).

L-impriżi interessati jistgħu jressqu applikazzjoni konkorrenti fi żmien disgħin (90) jum mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, skont il-proċedura miġbura fl-"Avviż dwar il-ksib ta' drittijiet minerarji għall-idrokarburi fi Franza", ippubblikat f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* C 374 tat-30 ta' Diċembru 1994, paġna 11, u stabbiliti mid-Digriet 2006-648 tat-2 ta' Ġunju 2006 dwar id-drittijiet minerarji u tal-ħżin taħt l-art (*Journal officiel de la République française* tat-3 ta' Ġunju 2006).

L-applikazzjonijiet ippreżentati jridu jiġu indirizzati lill-Ministeru tal-Ekoloġija, tal-Iżvilupp Sostenibbli u tal-Enerġija fl-indirizz li jidher hawn taħt. Id-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjoni inizjali u l-applikazzjonijiet kompetittivi jittieħdu fi żmien sentejn minn meta tasal l-applikazzjoni inizjali għand l-awtoritajiet Franċiżi, jiġifieri mhux aktar tard mit-8 ta' Novembru 2013.

([1]) ĠU L 164, 30.6.1994, p. 3.

**Il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti għat-twettiq tal-attività u għall-waqfien tagħha**

L-applikanti huma mistiedna jirreferu għall-Artikoli 79 u 79.1 tal-kodiċi minerarju u għad-Digriet 2006-649 tat-2 ta' Ġunju 2006, dwar ix-xogħlijiet minerarji, ix-xogħlijiet tal-ħżin taħt l-art, u ż-żamma tal-ordni fil-minjieri u fil-ħżin taħt l-art (*Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* tat-3 ta'Ġunju 2006).

Għal aktar tagħrif jekk jogħġbok ikkuntattja lil:

Ministère de l'écologie, du développement durable et de l'énergie, direction de l'énergie, Bureau exploration et production des hydrocarbures, Grande Arche, Paroi Nord, 92055 La Défense cedex, France, Telefown: +33 140819527

Id-dispożizzjonijiet regolatorji msemmija hawn fuq jinsabu fis-sit Légifrance: http://www.legifrance.gouv.fr

**Komunikazzjoni mill-Gvern Franċiż dwar id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi** (1)

*(Avviż dwar it-talba għall-permess esklussiv għat-tiftix ta' idrokarburi likwidi jew fil-forma ta' gass, imsejħa "Permis de Guyane Maritime UDO" u "Permis de Guyane Maritime SHELF")*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 47/06)

Fit-18 ta' Awwissu 2011, l-impriża Total E&P Guyane Française SAS, li għandha s-sede tagħha fl-indirizz 2, place Jean Millier, La Défense, 92400 Courbevoie (Franza), applikat, għal żewġ permessi esklussivi ta' perjodu ta' ħames snin għat-tiftix ta' depożiti tal-idrokarburi likwidi u fil-forma ta' gass, imsejħa "Permis de Guyane Maritime UDO" u "Permis de Guyane Maritime SHELF", fil-blata kontinentali tul ix-xatt tad-Dipartiment Franċiż extra-Ewropew tal-Gujana.

Il-perimetri ta' dawn il-permessi huma kkostitwiti mill-arki tal-meridjani u tal-paralleli li jgħaqqdu wieħed wara l-ieħor il-punti ddefiniti hawn taħt bil-koordinati ġeografiċi tagħhom, bil-meridjan oriġinali jkun dak ta' Greenwich. Is-sistema użata għall-koordinati ġeografiċi hija dik ġeodeżika dinjija, kif irreveduta fl-1984 (WGS84).

**Pożizzjoni tal-permess "UDO"**

| Punt | Lonġitudni tal-Punent | Latitudni Tramuntana |
|---|---|---|
| A | Il-punt fejn il-linja ta' diviżjoni bejn il-blata kontinentali Franċiża u dik Surinamiża jinkroċjaw iż-Żona Ekonomika Esklużiva Franċiża | |
| B | Il-punt fejn iż-Żona Esklużiva Ekonomika Franċiża tinkroċja mal-parallel 8° 26′ 05″ N | |
| C | 51° 10′ 12″ | 7° 21′ 06″ |
| D | Intersezzjoni tal-parallel 6° 50′ 00″ N mal-linja ta' diviżjoni bejn il-blatiet kontinentali ta' Franza u tal-Brażil; | |
| E | Intersezzjoni tal-fruntiera ta' bejn il-blatiet kontinentali ta' Franza u tal-Brażil mal-kurvatura batimetrika ta' 3 000 metru | |
| F | Intersezzjoni tal-kurvatura batimetrika ta' 3 000 metru mal-parallel 6° 55′ 00″ N | |
| G | 52° 40′ 00″ | 6° 55′ 00″ |
| H | 52° 40′ 00″ | 7° 30′ 00″ |
| I | 52° 20′ 00″ | 7° 30′ 00″ |
| J | 52° 20′ 00″ | 7° 45′ 00″ |
| K | 52° 25′ 00″ | 7° 45′ 00″ |
| L | Intersezzjoni tal-meridjan ta' 52° 25′ 00″ O mal-kurvatura batimetrika ta' 3 000 metru | |
| M | Intersezzjoni tal-kurvatura batimetrika ta' 3 000 metru mal-parallel 8° 10′ 00″ N | |
| N | Intersezzjoni tal-parallel 8° 10′ 00″ N mal-linja ta' diviżjoni bejn il-blatiet kontinentali ta' Franza u s-Surinam, li għad trid tiġi dderminata. | |

Minn A sa B: il-limiti taż-Żona Esklużiva Ekonomika Franċiża

D sa E: il-linja ta' diviżjoni bejn il-blatiet kontinentali ta' Franza u tal-Brażil;

E sa F u L sa M: kurvatura batimetrika ta' 3 000 metru;

N sa A: il-linja ta' diviżjoni bejn il-blatiet kontinentali ta' Franza u s-Surinam, li għad trid tiġi dderminata.

(1) ĠU L 164, 30.6.1994, p. 3.

**Pożizzjoni tal-permess "SHELF"**

| Punt | Lonġitudni tal-Punent | Latitudni Tramuntana |
|---|---|---|
| A | Intersezzjoni tal-parallel 6° 45′ 00″ N mal-linja ta' diviżjoni bejn il-blatiet kontinentali ta' Franza u s-Surinam, li għad trid tiġi dderminata. | |
| B | 53° 00′ 00″ | 6° 45′ 00″ |
| C | 53° 00′ 00″ | 6° 40′ 00″ |
| D | 52° 55′ 00″ | 6° 40′ 00″ |
| E | 52° 55′ 00″ | 6° 35′ 00″ |
| F | 52° 35′ 00″ | 6° 35′ 00″ |
| G | 52° 35′ 00″ | 6° 30′ 00″ |
| H | 52° 30′ 00″ | 6° 30′ 00″ |
| I | 52° 30′ 00″ | 6° 25′ 00″ |
| J | 52° 19′ 48″ | 6° 25′ 00″ |
| K | 52° 19′ 48″ | 6° 19′ 48″ |
| L | 52° 10′ 01″ | 6° 19′ 48″ |
| M | 52° 10′ 01″ | 6° 15′ 00″ |
| N | 52° 05′ 00″ | 6° 15′ 00″ |
| O | 52° 05′ 00″ | 6° 10′ 01″ |
| P | 52° 00′ 00″ | 6° 10′ 01″ |
| Q | 52° 00′ 00″ | 6° 05′ 00″ |
| R | 51° 50′ 00″ | 6° 05′ 00″ |
| S | 51° 50′ 00″ | 6° 00′ 00″ |
| T | 51° 35′ 00″ | 6° 00′ 00″ |
| U | 51° 35′ 00″ | 5° 55′ 00″ |
| V | 51° 30′ 00″ | 5° 55′ 00″ |
| W | 51° 30′ 00″ | 5° 50′ 00″ |
| X | 51° 19′ 48″ | 5° 50′ 00″ |
| Y | 51° 19′ 48″ | 5° 45′ 00″ |
| Z | 51° 15′ 00″ | 5° 45′ 00″ |
| AA | 51° 15′ 00″ | 5° 40′ 12″ |
| AB | 51° 10′ 12″ | 5° 40′ 12″ |
| AC | 51° 10′ 12″ | 5° 35′ 00″ |
| AD | 51° 00′ 00″ | 5° 35′ 00″ |
| AE | 51° 00′ 00″ | 5° 30′ 00″ |
| AF | Intersezzjoni tal-parallel 5° 30′ 00″ N mal-linja ta' diviżjoni bejn il-blatiet kontinentali ta' Franza u tal-Brażil; | |
| AG | Intersezzjoni tal-linji ta' diviżjoni bejn il-blatiet kontinentali ta' Franza u tal-Brażil; mal-limitu ta' 12-il mil nawtiku 'l barra mill-kosta Franċiża | |
| AH | Intersezzjoni mal-limitu ta' 12-il mil nawtiku 'l barra mill-kosta Franċiża bejn il-blatiet kontinentali ta' Franza u s-Surinam, li għad trid tiġi dderminata. | |

AF sa AG: il-linja ta' diviżjoni bejn il-blatiet kontinentali ta' Franza u tal-Brażil;

AG sa AH: limitu tal-ilmijiet territorjali Franċiżi, 12-il mil nawtiku mill-kosta;

AH sa A: il-linja diviżiva bejn il-blatiet kontinentali ta’ Franza u s-Surinam, li għad trid tiġi dderminata.

**It-tressiq tal-applikazzjonijiet u l-kriterji għall-għoti tal-permess**

Dawk li jressqu l-applikazzjonijiet inizjali u l-applikazzjonijiet konkorrenti għandhom jagħtu prova li jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-għoti tal-permess, iddefiniti fl-Artikoli 4 u 5 tad-Digriet 2006-648 tat-2 ta’ Ġunju 2006 dwar id-drittijiet minerarji u d-drittijiet tal-ħżin taħt l-art (*Journal officiel de la République française* tat-3 ta’ Ġunju 2006).

L-impriżi interessati jistgħu jressqu applikazzjoni konkorrenti fi żmien disgħin (90) jum mill-pubblikazzjoni ta’ dan l-avviż, skont il-proċedura miġbura fl-“Avviż dwar il-ksib ta’ drittijiet minerarji għall-idrokarburi fi Franza”, ippubblikat f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* C 374 tat-30 ta’ Diċembru 1994, paġna 11, u stabbiliti mid-Digriet 2006-648 tat-2 ta’ Ġunju 2006 (immodifikat) dwar id-drittijiet minerarji u tal-ħżin taħt l-art (*Journal officiel de la République française* tat-3 ta’ Ġunju 2006).

L-applikazzjonijiet konkorrenti għandhom jintbagħtu lill-Ministeru tal-Ekoloġija, tal-Iżvilupp Sostenibbli u l-Enerġija fl-indirizz indikat hawn taħt. Id-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet inizjali u l-applikazzjonijiet konkorrenti jittieħdu fi żmien sentejn mid-data tal-wasla tal-applikazzjonijiet inizjali għand l-awtoritajiet Franċiżi, jiġifieri sa mhux aktar tard mid-29 ta’ Lulju 2013.

**Il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti għat-twettiq tal-attività u għall-waqfien tagħha**

L-applikanti huma mistiedna jirreferu għall-Artikoli 79 u 79.1 tal-Kodiċi Minerarju kif ukoll għad-Digriet 2006-649 tat-2 ta’ Ġunju 2006, dwar ix-xogħlijiet fil-minjieri, ix-xogħlijiet tal-ħżin taħt l-art, u ż-żamma tal-ordni fil-minjieri u fil-ħżin taħt l-art (*Journal officiel de la République française* tat-3 ta’ Ġunju 2006).

Aktar tagħrif rilevanti jista’ jinkiseb mill-ministère de l’écologie, du développement durable et de l’énergie, (il-Ministeru tal-Ekoloġija, l-Iżvilupp Sostenibbli u l-Enerġija):

Direction générale de l’énergie et du climat – Direction de l’énergie, Bureau exploration et production des hydrocarbures, Grande Arche – Paroi Nord, 92055 La Défense cedex France (telefown: +33 140819529)

Il-liġijiet u r-regolamenti msemmija hawn fuq jistgħu jiġu kkonsultati fis-sit Légifrance: http://www.legifrance.gouv.fr

**Komunikazzjoni mill-Gvern Franċiż dwar id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi** ([1])

*(Avviż dwar it-talba għall-permessi esklussivi għat-tiftix ta' minjieri ta' idrokarburi likwidi jew fil-forma ta' gass, imsejjaħ "Permis de Montagne de Reims")*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 47/07)

Permezz ta' applikazzjoni li saret fl-24 ta' Jannar 2011, l-impriża Bluebach Ressources Sarl, li għandha s-sede tagħha fl-indirizz 178, Boulevard Haussmann, 75008 f'Pariġi 8e, France, talbet li tingħata permess esklussiv, għal tul ta' ħames (5) snin, għat-tiftix ta' depożiti tal-idrokarburi likwidi u fil-forma ta' gass, imsejjaħ "Permis de Montagne de Reims", f'parti mid-Dipartiment ta' Marne.

Il-perimetru ta' dan il-permess huwa magħmul mill-arkijiet tal-meridjani u tal-paralleli li jgħaqqdu wieħed wara l-ieħor il-punti ddefiniti hawn taħt mill-koordinati ġeografiċi tagħhom, mogħtija fi gradi, bil-meridjan ta' referenza jkun dak ta' Pariġi.

| Il-quċċata | Lonġitudni Lvant | Latitudni Tramuntana |
|---|---|---|
| A | 1,70 | 54,70 |
| B | 2,20 | 54,70 |
| C | 2,20 | 54,50 |
| D | 1,70 | 54,50 |

Skont din id-definizzjoni, is-superfiċje hija ta' madwar 658 $km^2$.

**It-tressiq tal-applikazzjonijiet u l-kriterji għall-għoti tal-permess**

Dawk li jressqu l-applikazzjoni inizjali u l-applikazzjonijiet kompetittivi għandhom jagħtu prova li huma jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-għoti tad-dritt, iddefiniti fl-Artikoli 4 u 5 tal-liġi 2006-648 tat-2 ta' Ġunju 2006 (immodifikata) dwar id-drittijiet minerarji u d-drittijiet tal-ħżin taħt l-art (*Journal officiel de la République française* (*Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża*) tat-3 ta' Ġunju 2006).

L-impriżi interessati jistgħu jressqu applikazzjoni konkorrenti fi żmien disgħin (90) jum mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, skont il-proċedura miġbura fl-"Avviż dwar il-ksib ta' drittijiet minerarji għall-idrokarburi fi Franza", ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* C 374 tat-30 ta' Diċembru 1994, paġna 11, u stabbiliti mid-Digriet 2006-648 tat-2 ta' Ġunju 2006 (immodifikat) dwar id-drittijiet minerarji u tal-ħżin taħt l-art (*Journal officiel de la République française* tat-3 ta' Ġunju 2006).

L-applikazzjonijiet konkorrenti iridu jintbagħatu lill-Ministeru tal-Ekoloġija, tal-Iżvilupp Sostenibbli u tal-Enerġija (direction de l'énergie, bureau exploration et production des hydrocarbures) Grande Arche, Paroi Nord, 92055 La Défense cedex. France.

**Il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti għat-twettiq tal-attività u għall-waqfien tagħha**

L-applikanti huma mistiedna jirreferu għall-Artikoli 79 u 79.1 tal-Kodiċi Minerarju kif ukoll għad-Digriet 2006-649 tat-2 ta' Ġunju 2006 (immodifikati), dwar ix-xogħlijiet minerarji, ix-xogħlijiet tal-ħżin taħt l-art, u l-kontroll tal-minjieri u tal-ħżin taħt l-art (*Journal officiel de la République française* tat-3 ta' Ġunju 2006).

Għal aktar tagħrif jekk jogħġbok ikkuntattja lil:

Ministère de l'écologie, du développement durable et de l'énergie, direction de l'énergie — Bureau exploration et production des hydrocarbures, Grande Arche, Paroi Nord, 92055 La Défense cedex, France. Telefown: +33 140819529.

Id-dispożizzjonijiet regolatorji msemmija hawn fuq jinsabu fis-sit tal-"Légifrance" li ġej: http://www.legifrance.gouv.fr

([1]) ĠU L 164, 30.6.1994, p. 3.

**Komunikazzjoni mill-Gvern Franċiż dwar id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi** [1]

*(Avviż dwar it-talba għall-permess esklussiv għat-tiftix ta' idrokarburi likwidi jew fil-forma ta' gass, imsejjaħ "Permis de Rouffy")*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 47/08)

Permezz ta' applikazzjoni li saret fit-12 ta' Diċembru 2011, l-impriża San Leon Energy Plc, li għandha s-sede tagħha f'1, Berkeley Street, Mayfair, London W1J 8DJ (ir-Renju Unit), talbet li tingħata permess esklussiv, għal tul ta' ħames snin, għat-tiftix ta' depożiti tal-idrokarburi likwidi jew fil-forma ta' gass, imsejjaħ "Permis de Rouffy", fuq żona li tagħmel parti mit-territorju tad-Dipartimenti tal-Aisne u Marne.

Il-perimetru ta' dan il-permess huwa magħmul mill-arkijiet tal-meridjani u tal-paralleli li jgħaqqdu wieħed wara l-ieħor il-punti ddefiniti hawn taħt mill-koordinati ġeografiċi tagħhom, mogħtija fi gradi, bil-meridjan ta' referenza jkun dak ta' Pariġi.

| Il-quċċata | Lonġitudni Lvant | Latitudni Tramuntana |
|---|---|---|
| A | 1,70 | 54,30 |
| B | 2,00 | 54,30 |
| C | 2,00 | 54,40 |
| D | 1,80 | 54,40 |
| E | 1,80 | 54,20 |
| F | 1,70 | 54,20 |

Skont din id-definizzjoni, l-erja hija ta' madwar 159 km$^2$.

## It-tressiq tal-applikazzjonijiet u l-kriterji għall-għoti tal-permess

Dawk li jressqu l-applikazzjoni inizjali u l-applikazzjonijiet konkorrenti għandhom jagħtu prova li huma jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-għoti tad-dritt, iddefiniti fl-Artikoli 4 u 5 tal-liġi 2006-648 tat-2 ta' Ġunju 2006 (mmodifikati) dwar id-drittijiet minerarji u d-drittijiet tal-ħżin taħt l-art (*Journal officiel de la République française* (*Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża*) tat-3 ta' Ġunju 2006).

L-impriżi interessati jistgħu jressqu applikazzjoni konkorrenti fi żmien disgħin (90) jum mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, skont il-proċedura miġbura fl-"Avviż dwar il-ksib ta' drittijiet minerarji għall-idrokarburi fi Franza", ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* C 374 tat-30 ta' Diċembru 1994, paġna 11, u stabbiliti mid-Digriet 2006-648 tat-2 ta' Ġunju 2006 dwar id-drittijiet minerarji u tal-ħżin taħt l-art (*Journal officiel de la République française* tat-3 ta' Ġunju 2006).

L-applikazzjonijiet konkorrenti jistgħu jintbagħtu lill-Ministeru tal-Ekoloġija, l-Iżvilupp Sostenibbli u l-Enerġija (direction de l'énergie, bureau exploration et production des hydrocarbures) Grande Arche, Paroi Nord, 92055 La Défense cedex, France.

## Il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti għat-twettiq tal-attività u għall-waqfien tagħha

L-applikanti huma mistiedna jirreferu għall-Artikoli 79 u 79.1 tal-Kodiċi Minerarju kif ukoll għad-Digriet 2006-649 tat-2 ta' Ġunju 2006 (immodifikat), dwar ix-xogħlijiet minerarji, ix-xogħlijiet tal-ħżin taħt l-art, u l-kontroll tal-minjieri u tal-ħżin taħt l-art (*Journal officiel de la République française* tat-3 ta' Ġunju 2006).

[1] ĠU L 164, 30.6.1994, p. 3.

Għal aktar tagħrif jekk jogħġbok ikkuntattja lil:

Ministère de l'écologie, du développement durable et de l'énergie, direction de l'énergie — Bureau exploration et production des hydrocarbures, Grande Arche, Paroi Nord, 92055 La Défense cedex, France, Telefown: +33 140819529.

Id-dispożizzjonijiet regolatorji msemmija hawn fuq jinsabu fis-sit tal-"Légifrance" li ġej: http://www.legifrance.gouv.fr

**Komunikazzjoni mill-Gvern Franċiż dwar id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi** ([1])

*(Avviż dwar-l-applikazzjoni għal permess esklussiv għat tiftix ta' depożiti tal-idrokarburi likwidi jew fil-forma ta' gass, imsejjaħ "Permis de Brive")*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 47/09)

Permezz ta' applikazzjoni ddatata l-20 ta' Settembru 2010, il-kumpanija Hexagon Gaz Pte. Ltd li għandha s-sede tagħha f'192 Waterloo Street, 05-1 Skyline Building, Singapore 187966, talbet li tingħata permess esklussiv, għal tul ta' ħames snin, għat-tiftix ta' depożiti tal-idrokarburi likwidi jew fil-forma ta' gass, imsejjaħ "Permis de Brive", fuq żona li tagħmel parti mit-territorju tad-Dipartimenti ta' Corrèze ta' Dordogne u ta' Lot.

Il-perimetru ta' dan il-permess huwa magħmul mill-arkijiet tal-meridjani u tal-paralleli li jgħaqqdu wieħed wara l-ieħor il-punti ddefiniti hawn taħt mill-koordinati ġeografiċi tagħhom, mogħtija fi gradi, bil-meridjan ta' referenza jkun dak ta' Pariġi.

| Il-quċċata | Lonġitudni tal-Punent | Latitudni Tramuntana |
|---|---|---|
| A | 1,50 | 50,20 |
| B | 0,80 | 50,20 |
| C | 0,80 | 50,10 |
| D | 0,70 | 50,10 |
| E | 0,70 | 50,00 |
| F | 0,60 | 50,00 |
| G | 0,60 | 49,90 |
| H | 1,30 | 49,90 |
| I | 1,30 | 49,60 |
| J | 1,50 | 49,60 |
| K | 1,50 | 49,90 |
| L | 1,30 | 49,90 |
| M | 1,30 | 50,00 |
| N | 1,20 | 50,00 |
| O | 1,20 | 50,10 |
| P | 1,50 | 50,10 |

## It-tressiq tal-applikazzjonijiet u l-kriterji għall-għoti tal-permess

Dawk li jressqu l-applikazzjoni inizjali u l-applikazzjonijiet konkorrenti għandhom jagħtu prova li huma jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-għoti tad-dritt, iddefiniti fl-Artikoli 4 u 5 tal-liġi 2006-648 tat-2 ta' Ġunju 2006 (immodifikata) dwar id-drittijiet minerarji u d-drittijiet tal-ħżin taħt l-art (*Journal officiel de la République française* (Il-*Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża*) tat-3 ta' Ġunju 2006).

L-impriżi interessati jistgħu jressqu applikazzjoni konkorrenti fi żmien disgħin jum mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, skont il-proċedura indikata fl-"Avviż dwar l-għoti ta' drittijiet ta' tiftix fil-minjieri għall-idrokarburi fi Franza", ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* C 374 tat-30 ta' Diċembru 1994, paġna 11, u stabbiliti bid-Digriet 2006-648 tat-2 ta' Ġunju 2006 (immodifikat) dwar id-drittijiet ta' tiftix fil-minjieri u d-drittijiet tal-ħżin taħt l-art (*Journal officiel de la République française* tat-3 ta' Ġunju 2006).

([1]) ĠU L 164, 30.6.1994, p. 3.

L-applikazzjonijiet konkorrenti jistgħu jintbagħtu lill-Ministeru tal-Ekoloġija, l-Iżvilupp Sostenibbli u l-Enerġija (direction de l'énergie, bureau exploration et production des hydrocarbures) Grande Arche — Paroi Nord, 92055 La Défense cedex, France.

**Il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti għat-twettiq tal-attività u għall-waqfien tagħha**

L-applikanti huma mistiedna jirreferu għall-Artikoli 79 u 79.1 tal-Kodiċi Minerarju u għal-Liġi 2006-649 tat-2 ta' Ġunju 2006 (immodifikata) rigward il-ftuħ ta' xogħlijiet minerarji, il-ħżin taħt l-art u l-pulizija tal-minjieri u l-ħażniet taħt l-art, (*Journal officiel de la République française* tat-3 ta' Ġunju 2006).

Għal aktar tagħrif jekk jogħġbok ikkuntattja lil:

Ministère de l'écologie, du développement durable et de l'énergie, direction de l'énergie, Bureau exploration et production des hydrocarbures, Grande Arche — Paroi Nord, 92055 La Défense cedex, France, Telefown: +33 140819529.

Id-dispożizzjonijiet regolatorji msemmija hawn fuq jinsabu fis-sit tal-"Légifrance" li ġej: http://www.legifrance.gouv.fr

V

*(Avviżi)*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Sejħa għall-proposti tal-2013 ta' LIFE+

(2013/C 47/10)

Il-Kummissjoni tistieden lill-entitajiet rreġistrati fl-Unjoni Ewropea jew fil-Kroazja biex iressqu l-proposti għas-sejħa għall-proposti tal-2013 ta' LIFE+.

### Applikazzjonijiet

Il-gwidi għall-applikazzjoni li jinkludu spjegazzjonijiet dettaljati fir-rigward tal-eliġibbiltà u l-proċeduri jistgħu jinkisbu mis-sit tal-internet tal-Kummissjoni fl-indirizz li ġej:

http://ec.europa.eu/environment/life/funding/lifeplus.htm

Il-proposti jistgħu jinħolqu u jitressqu biss permezz tal-użu tal-għodda tal-applikazzjoni onlajn "eProposal". Il-link għall-"eProposal" ser tiġi kkomunikata f'waqtha permezz tas-sit tal-internet imsemmi hawn fuq.

### Benefiċjarji

Il-proposti għandhom jiġu ppreżentati minn entitajiet irreġistrati fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew fil-Kroazja, li jistgħu jkunu entitajiet, atturi u istituzzjonijiet pubbliċi u/jew privati.

### Dan l-avviż ikopri t-temi li ġejjin

1. LIFE+ Natura u Bijodiversità

   *Għan ewlieni*: Il-ħarsien, il-konservazzjoni, ir-restawr, il-monitoraġġ u l-faċilitizzazzjoni tat-tħaddim ta' sistemi naturali, ħabitats naturali, flora u fawna selvaġġi, bil-għan li jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità, inkluż id-diversità tar-riżorsi ġenetiċi, fl-UE.

2. LIFE+ Politika Ambjentali u Governanza

   *Għanijiet ewlenin*:

   — **It-tibdil fil-klima:** Li l-konċentrazzjoni tal-gass tas-serra tiġi stabbilita f'livell li jevita t-tisħin globali 'l fuq minn 2 °C;

   — **L-ilma:** Il-kontribut lejn kwalità aħjar tal-ilma permezz tal-iżvilupp ta' miżuri effikaċi fis-sens ta' nefqa għall-kisba ta' status ekoloġiku tajjeb bil-ħsieb li jiġu żviluppati pjanijiet ta' amministrazzjoni tal-baċiri tax-xmajjar skont id-Direttiva 2000/60/KE (id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma);

   — **L-Arja:** Il-kisba ta' livelli ta' kwalità tal-arja li ma jipprovokawx impatti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent u riskji għalihom;

   — **Il-ħamrija:** Il-ħarsien u l-assigurazzjoni tal-użu sostenibbli tal-ħamrija permezz tal-preservazzjoni tal-funzjonijiet tal-ħamrija, il-prevenzjoni ta' theddid għall-ħamrija, il-mitigazzjoni tal-effetti tagħhom u r-restawr ta' ħamrija degradata;

   — **L-ambjent urban:** Il-kontribuzzjoni għal prestazzjoni ambjentali aħjar fiż-żoni urbani tal-Ewropa;

— **L-istorbju:** Il-kontribuzzjoni għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika dwar l-istorbju ambjentali;

— **Is-sustanzi kimiċi:** Titjib fil-ħarsien tal-ambjent u s-saħħa minn riskji ġejjin minn sustanzi kimiċi sal-2020 bl-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH) u l-Istrateġija tematika dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi;

— **L-ambjent u s-saħħa:** L-iżvilupp tal-bażi ta' informazzjoni għall-politika dwar l-ambjent u s-saħħa (il-Pjan ta' Azzjoni għall-Ambjent u s-Saħħa);

— **Ir-riżorsi naturali u l-iskart:** L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki mfassla biex jiżguraw il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-iskart, u titjib fil-prestazzjonijiet ambjentali ta' prodotti, il-produzzjoni u użanzi ta' konsum sostenibbli, il-prevenzjoni, l-irkupru u r-riċiklaġġ tal-iskart; Kontribut għall-implimentazzjoni effettiva tal-Istrateġija Tematika dwar il-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart;

— **Il-foresti:** Il-provvediment, speċjalment permezz ta' netwerk ta' koordinazzjoni fl-UE, ta' bażi konċiża u komprensiva għall-informazzjoni rilevanti għall-politika dwar il-foresti fir-rigward ta' tibdil fil-klima (impatt fuq ekosistemi ta' foresti, tnaqqis, effetti ta' sostituzzjoni), il-bijodiversità (informazzjoni bażika u żoni ta' foresti protetti), in-nirien tal-foresti, il-kundizzjonijiet ta' foresti u funzjonijiet ta' ħarsien tal-foresti (ilma, ħamrija u infrastruttura) kif ukoll il-kontribut għall-ħarsien tal-foresti min-nirien;

— **Innovazzjoni:** Il-kontribut għall-iżvilupp u għad-dimostrazzjoni ta' approċċi ta' politika, teknoloġiji, metodi u strumenti innovattivi li jgħinu fl-implimentazzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni dwar it-Teknoloġiji Ambjentali (Environmental Technologies Action Plan – ETAP);

— **Approċċi strateġiċi:** Il-promozzjoni ta' implimentazzjoni u infurzar effettivi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ambjent, u t-titjib tal-bażi ta' għarfien dwar il-politika ambjentali; it-titjib tal-prestazzjoni ambjentali tal-SMEs.

3. LIFE+ Informazzjoni u Komunikazzjoni

   *Għan ewlieni:* It-tixrid ta' informazzjoni u t-tkabbir ta' għarfien dwar kwistjonijiet ambjentali, inkluż il-prevenzjoni tan-nirien fil-foresti; u l-appoġġ għal miżuri ta' akkumpanjament, bħal informazzjoni, azzjonijiet u kampanji ta' komunikazzjoni, konferenzi u taħriġ, inkluż taħriġ dwar il-prevenzjoni tan-nirien fil-foresti.

**Rati ta' kofinanzjament mill-UE**

1. Proġetti ta' LIFE+ Natura u Bijodiversità

   — Ir-rata ta' appoġġ finanzjarju mill-Unjoni għandha tkun massimu ta' 50 % tal-ispejjeż eliġibbli.

   — Eċċezzjonalment, rata massima ta' kofinanzjament sa 75 % tapplika għal proposti li jimmiraw ħabitats/speċijiet ta' prijorità tad-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Ħabitats.

2. LIFE+ Politika Ambjentali u Governanza

   — Ir-rata ta' appoġġ finanzjarju mill-Unjoni għandha tkun massimu ta' 50 % tal-ispejjeż eliġibbli.

3. LIFE+ Informazzjoni u Komunikazzjoni

   — Ir-rata ta' appoġġ finanzjarju mill-Unjoni għandha tkun massimu ta' 50 % tal-ispejjeż eliġibbli.

**Data tal-għeluq**

Il-proposti għall-proġetti għandhom jiġu vvalidati u mressqa quddiem l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti permezz tal-eProposal **sal-25 ta' Ġunju 2013** fl-16:00 ħin lokali ta' Brussell. Il-proposti għall-proġetti għandhom jintbagħtu permezz tal-eProposal lill-awtorità nazzjonali tal-Istat Membru (jew il-Kroazja) li fih huwa rreġistrat il-benefiċjarju. Il-proposti mbagħad jitressqu mill-awtoritajiet nazzjonali quddiem il-Kummissjoni permezz tal-eProposal **sal-5 ta' Lulju 2013** f'23:59 ħin lokali ta' Brussell.

**Baġit involut**

Il-baġit globali għal għotjiet għal azzjoni għal proġetti taħt LIFE+ fl-2013 huwa ta' EUR 278 000 000. Tal-anqas 50 % ta' dan l-ammont għandu jkun allokat għall-miżuri ta' appoġġ għall-konservazzjoni tan-natura u l-bijodiversità.

L-allokazzjonijiet finanzjarji nazzjonali indikattivi għall-2013 huma kif ġej:

| Stat Membru | Allokazzjoni 2013 (EUR) | Stat Membru | Allokazzjoni 2013 (EUR) | Stat Membru | Allokazzjoni 2013 (EUR) |
|---|---|---|---|---|---|
| AT | 5 378 449 | FI | 7 391 124 | MT | 2 626 260 |
| BE | 5 789 478 | FR | 28 105 725 | NL | 8 529 214 |
| BG | 9 216 194 | GR | 9 860 131 | PL | 18 465 604 |
| CY | 2 693 799 | HU | 7 168 515 | PT | 7 426 037 |
| CZ | 5 927 881 | IE | 4 232 251 | RO | 11 723 542 |
| DK | 4 804 784 | IT | 24 438 282 | SE | 9 186 386 |
| DE | 31 502 629 | LT | 3 052 947 | SI | 5 624 774 |
| EE | 3 656 191 | LU | 3 035 736 | SK | 6 395 315 |
| ES | 27 346 823 | LV | 2 672 600 | UK | 21 749 329 |
| | | | | Total | 278 000 000 |

B'segwitu għall-Konferenza dwar l-Adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (id-dokument CONF HR 17), u soġġett għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat tal-Adeżjoni tal-Kroazja mal-UE, u l-allokazzjoni tal-fondi korrispondenti fil-baġit tal-UE, l-allokazzjoni indikattiva għall-Kroazja hija ta' EUR 1 250 000.

## Għal aktar tagħrif

Aktar tagħrif, inkluż il-linji gwida dwar l-applikazzjoni u l-formoli tal-applikazzjoni, jinsab fuq is-sit talinternet ta' LIFE:

http://ec.europa.eu/environment/life/funding/lifeplus.htm

Wieħed jista' wkoll jikkuntattja lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti:

http://ec.europa.eu/environment/life/contact/nationalcontact/index.htm

# SEJĦA GĦALL-PROPOSTI – EACEA/45/12

## Skema ta' mobbiltà akkademika INTRA-ACP

## Afrika (Mwalimu Nyerere) u l-Karibew u Paċifiku

(2013/C 47/11)

### 1. **Objettivi u Deskrizzjoni**

L-objettiv ġenerali tal-programm huwa li jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli u jnaqqas il-faqar billi tiżdied id-disponibilità ta' nies professjonali f'livell għoli mħarrġa u kwalifikati fil-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku.

L-objettiv speċifiku tal-programm huwa li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Superjuri (HEIs) fl-Afrika, fil-Karibew u fil-Paċifiku sabiex jiżdied l-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità li jinkoraġġixxi u jippermetti li studenti jagħmlu studji postgraduate, u sabiex jippromwovi ż-żamma ta' studenti fir-reġjun flimkien mal-mobbiltà tal-persunal (akkademiku u amministrattiv) filwaqt li jżid il-kompetittività u l-attrazzjoni tal-istituzzjonijiet infushom.

B'mod akar speċifiku il-programm jimmira sabiex:

(a) jipprovdi aċċess għall-edukazzjoni superjuri inklużi dawk minn gruppi żvantaġġjati;

(b) jiffaċilita l-kooperazzjoni dwar l-għarfien tal-istudji u l-kwalifiki;

(c) jikkontribwixxi għat-titjib fil-kwalità tal-edukazzjoni superjuri permezz tal-promozzjoni tal-internazzjonalizzazzjoni, u l-armonizzazzjoni ta' programmi u kurrikula fi ħdan l-istituzzjonijiet parteċipanti;

(d) itejjeb il-kapaċità ta' kooperazzjoni internazzjonali tal-HEIs fil-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku;

(e) jippromwovi l-kooperazjoni bejn l-istituzzjonijiet li jibagħtu u dawk li jirċievu;

(f) jippermetti sabiex l-istudenti, l-akkademiċi u l-persunal jibbenefikaw lingwistikament, kulturalment u professjonalment mill-esperjenza miksuba fil-kuntest ta' mobbiltà lejn pajjiż ieħor;

(g) itejjeb fuq żmien medju, ir-rabtiet politiċi, kulturali, edukattivi u ekonomoċi bejn il-pajjiżi parteċipanti.

### 2. **Applikanti eliġibbli u kompożizzjoni tas-sħubija**

L-applikanti eliġibbli huma Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Superjuri (HEIs) fl-Afrika, fil-Karibew u fil-Paċifiku li jipprovdu korsijiet f'livelli ta' edukazzjoni superjuri ta' gradwati u/jew dottorali, rikonoxxuti mill-awtoritajiet kompetenti f'pajjiżhom stess. Huma eliġibbli biss HEIs nazzjonali Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifk li huma akkreditati mill-awtoritajiet nazzjonali fl-Afrika, fil-Karibew u fil-Paċifiku. Ferghat tal-HEIs barra mill-Afrika, mill-Karibew u mill-Paċifiku ma humiex eliġibbli.

Is-sħubija ser tkun komposta minn tlieta u tnax –il HEI.

### 3. **Attivitajiet eliġibbli u żmien**

Il-proġett ser jinvolvi, l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-mobbiltà tal-istudenti u tal-persunal fi programmi ta' master u ta' dottorat ta' kwalità għolja, kif ukoll il-provvediment ta' edukazzjoni/taħriġ u servizzi oħra lil studenti barranin u t-tagħlim/taħriġ u ħidmiet ta' riċerka u servizzi oħra lil persunal tal-pajjiż/i kopert/i mill-proġett. Il-mobbiltà għandha ssir f'wieħed mill-pajjiżi eliġibbli koperti minn din is-Sejħa ta' Proposti.

It-tul ta' żmien tal-proġett għandu jkun bejn 48 u 60 xahar, abbażi ta' attivitajiet ippjanati.

### 4. **Kriterji għall-Għoti**

L-applikazzjonijiet kollha ser jgħaddu minn valutazzjonijiet minn esperti esterni u indipendenti skont it-tliet kriterji tal-għoti li jinsabu hawn taħt:

| Kriterji | Piż |
|---|---|
| 1. Relevanza | 20 % |
| 2. Kwalità | 70 % |
| 2.1. Kwalità akkademika | 15 % |
| 2.2. Kompożizzjoni tas-sħubija u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni | 20 % |
| 2.3. Organizzazzjoni u implimentazzjoni tal-mobbiltà | 20 % |
| 2.4. Faċilitajiet tal-istudenti/persunal u segwitu | 15 % |
| 3. Sostenibilità | 10 % |
| **Total** | **100 %** |

5. **Baġit u ammonti tal-għoti**

L-ammont indikattiv u kumplessiv magħmul disponibbli f'din is-Sejħa għal Proposti huwa ta' EUR 23,45 miljun għaż-żoni ġeografiċi li ġejjin u għandu jippermetti madwar 800 fluss ta' mobbiltà:

Din is-Sejħa għal Proposti hija maqsuma bejn żewġ partijiet:

| Lott | Żoni ġeografiċi | Ammont Kumplessiv Indikattiv (EUR) |
|---|---|---|
| Lott 1 | Afrika | 17,85 miljun |
| Lott 2 | Karibew u Paċifiku | 5,6 miljun |

6. **Sottomissjoni tal-proposti u żmien ta' skadenza**

Applikazzjonijiet ta' għoti biss sottomessi f'formola korretta u akkumpanjati mill-annessi tagħha, mimlija kif suppost biss jiġu aċċettati. L-applikazzjoni tal-għoti għandha tiġi datata u ffirmata fl-oriġinal mill-persuna awtorizzata sabiex tidħol fi ftehim li jorbtu legalment f'isem l-organizzazzjoni li tapplika.

L-informazzjoni addizzjonali kollha li hija kkunsidrata neċessarja mill-applikant tista' tiġi inkluża fuq karti separati.

L-applikazzjoni tal-għotja u l-annessi tagħha għandhom jintbagħatu **sal-10 ta' Ġunju 2013** u bħala evidenza jkun it-timbru postali jew id-data tal-irċevuta. Fil-każ ta' applikazzjonijiet li jitwasslu minn persuna, l-iskadenza biex tasal fil-post hija 16:00 ħin lokali u bħala evidenza tkun l-irċevuta ffirmata u datata.

L-applikazzjonijiet tal-għotja għandhom jintbagħtu bil-posta reġistrata jew jitwasslu minn persuna fl-indirizz li ġej:

Education, Audiovisual and Culture Executive Agency
Call for proposals EACEA/45/12 — 'INTRA-ACP academic mobility scheme'
BOUR 02/29
Avenue du Bourget/Bourgetlaan 1
1140 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

L-applikazzjoni għall-għotja għandha tintbagħat ukoll bħala verżjoni elettronika fil-mailbox li ġejja:

EACEA-INTRA-ACP@ec.europa.eu

Applikazzjonijiet mibgħuta sal-iskadenza biss u li huma skont ir-rekwiżiti speċifikati fuq il-formola ta' applikazzjoni ser jiġu aċċettati. Applikazzjonijiet mibgħuta bil-faks jew bil-posta elettronika ma jiġux aċċettati.

Id-dokumenti neċessarji kollha huma disponibbli fuq l-indirizz li ġej:

http://eacea.ec.europa.eu/intra_acp_mobility

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

**(Każ COMP/M.6849 – Enel Green Power/Seci Energia/Powercrop)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 47/12)

1. Fil-11 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha l-impriża Enel Green Power SpA ("EGP", l-Italja), ikkontrollata mill-Enel SpA, u Seci Energia SpA ("Seci Energia", l-Italja), takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Powercrop Srl ("Powercrop" l-Italja), permezz ta' xiri ta' ishma. Bħalissa Powercrop hija kkontrollata minn Seci Energia.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal EGP: operatur globali fil-qasam tal-ġenerazzjoni tal-enerġija minn riżorsi rinnovabbli,

— għal Seci Energia: ġenerazzjoni ta' enerġija minn enerġija rinnovabbli,

— għal Powercrop: żvilupp, promozzjoni u implimentazzjoni ta' proġetti industrijali fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet [2] ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6849 – Enel Green Power/Seci Energia/Powercrop, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2013/C 47/12 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6849 – Enel Green Power/Seci Energia/Powercrop) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata [1] ............................. 26

MT

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2013 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 420 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 910 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT